2025/2377

25.11.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2025/2377

tal-24 ta' Novembru 2025

dwar miżura ta' assistenza fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi b'appoġġ għall-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 ([1]) tistabbilixxi l-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) għall-finanzjament mill-Istati Membri tal-azzjonijiet tal-Unjoni fil-qafas tal-politika estera u ta' sigurtà komuni biex tinżamm il-paċi, jiġu prevenuti l-konflitti u tissaħħaħ is-sigurtà internazzjonali skont l-Artikolu 21(2), il-punt (c), tat-Trattat. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, l-EPF għandha tintuża biex jiġu ffinanzjati miżuri ta' assistenza bħal azzjonijiet biex jissaħħu l-kapaċitajiet ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali b'rabta ma' kwistjonijiet militari u ta' difiża.

(2) Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo bħalissa qed tiffaċċja attakki intensifikati minn diversi gruppi armati, li rriżultaw f'telf territorjali sussegwenti, prezz uman traġiku u kriżi umanitarja, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-Lvant tagħha.

(3) Hija prijorità ewlenija għall-Unjoni li jiġu żgurati l-paċi, is-sigurtà, l-istabbiltà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fit-tul fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo u fir-reġjun.

(4) Fis-26 ta' Awwissu 2025, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rċeviet talba mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo biex l-Unjoni tassisti lill-forzi armati nazzjonali tagħha billi jingħataw appoġġ biex isaħħu r-reżiljenza tagħhom.

(5) Il-miżuri ta' assistenza għandhom jiġu implimentati b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji u r-rekwiżiti stipulati fid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, b'mod partikolari l-konformità mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK ([2]), u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u tan-nefqa ffinanzjati fil-qafas tal-EPF.

(6) Il-Kunsill jafferma mill-ġdid id-determinazzjoni tiegħu li jipproteġi, jippromwovi u jara li jiġu rispettati d-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-prinċipji demokratiċi u li jsaħħaħ l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, f'konformità mal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u mal-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Stabbiliment, objettivi, kamp ta' applikazzjoni u durata

1. Miżura ta' assistenza li tibbenifika minnha r-Repubblika Demokratika tal-Kongo ("il-benefiċjarju") li għandha tiġi ffinanzjata fil-qafas tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-"miżura ta' assistenza") hija b'dan stabbilita.

2. L-objettivi tal-miżura ta' assistenza huma dawn li ġejjin li:

(a) tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża;

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/509 tat-22 ta' Marzu 2021 li tistabbilixxi Faċilità Ewropea għall-Paċi, u li tħassar id-Deċiżjoni (PESK) 2015/528 (ĠU L 102, 24.3.2021, p. 14, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2021/509/oj).

([2]) Il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2008/944/PESK tat-8 ta' Diċembru 2008 li tiddefinixxi regoli komuni li jirregolaw il-kontroll ta' esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari (ĠU L 335, 13.12.2008, p. 99, ELI: http://data.europa.eu/eli/compos/2008/944/oj).

(b) jissaħħu l-kapaċitajiet militari u ta' difiża ġenerali tal-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo;

(c) il-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo jiġu appoġġati fl-isforzi tagħhom biex irażżnu l-espansjoni tat-theddida fit-territorju nazzjonali, u biex jipproteġu s-sovranità tal-pajjiż u l-popolazzjoni ċivili tiegħu.

3. Sabiex jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-paragrafu 2, il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja t-tipi ta' tagħmir li ġejjin mhux imfassla biex jikkonsenjaw forza letali:

(a) tagħmir ta' appoġġ mediku;

(b) tagħmir tar-radju;

(c) tagħmir tal-inġinerija;

(d) dgħajjes ħfief.

Il-miżura ta' assistenza għandha tiffinanzja wkoll provvisti u servizzi relatati, inkluż taħriġ tekniku, fejn meħtieġ.

4. Id-durata tal-miżura ta' assistenza għandha tkun ta' 36 xahar mid-data tal-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Arranġamenti finanzjarji

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa marbuta mal-miżura ta' assistenza għandu jkun ta' EUR 10 000 000.

2. In-nefqa kollha għandha tiġi ġestita f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u tan-nefqa ffinanzjata fil-qafas tal-EPF.

Artikolu 3

Arranġamenti mal-benefiċjarju

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jagħmel l-arranġamenti neċessarji mal-benefiċjarju biex jiżgura l-konformità tiegħu mar-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-Deċiżjoni bħala kundizzjoni għall-għoti ta' appoġġ fil-qafas tal-miżura ta' assistenza.

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li jobbligaw lill-benefiċjarju jiżgura:

(a) il-konformità tal-unitajiet appoġġati fil-qafas tal-miżura ta' assistenza mal-liġi internazzjonali rilevanti, b'mod partikolari l-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali;

(b) l-użu xieraq u effiċjenti ta' kwalunkwe assi pprovduti fil-qafas tal-miżura ta' assistenza għall-finijiet li għalihom ġew ipprovduti;

(c) il-manutenzjoni suffiċjenti ta' kwalunkwe assi pprovduti fil-qafas tal-miżura ta' assistenza biex tiġi żgurata l-utilizzabbiltà tagħhom u d-disponibbiltà operazzjonali tagħhom tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;

(d) li kwalunkwe assi pprovduti fil-qafas tal-miżura ta' assistenza ma jintilfux jew ma jiġux trasferiti lil persuni jew entitajiet għajr dawk identifikati f'dawk l-arranġamenti.

3. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-sospensjoni u t-terminazzjoni tal-appoġġ fil-qafas tal-miżura ta' assistenza fil-każ li l-benefiċjarju jinstab li jkun kiser l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 2.

Artikolu 4

Implimentazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jkun responsabbli li jiżgura l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni f'konformità mad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509, u skont ir-regoli għall-implimentazzjoni tad-dħul u tan-nefqa ffinanzjata fil-qafas tal-EPF u skont il-Qafas Metodoloġiku Integrat għall-valutazzjoni u l-identifikazzjoni tal-miżuri u l-kontrolli meħtieġa għall-miżuri ta' assistenza fil-qafas tal-EPF.

2. L-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) ta' din id-Deċiżjoni għandha titwettaq mill-amministratur għall-miżuri ta' assistenza, inkluż permezz ta' arranġamenti amministrattivi f'konformità mal-Artikolu 37 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

Artikolu 5

Monitoraġġ, kontroll u evalwazzjoni

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jara li l-benefiċjarju jikkonforma mal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3. Dak il-monitoraġġ għandu jintuża biex jiġi provdut għarfien dwar il-kuntest u r-riskji ta' ksur tal-obbligi stipulati fl-Artikolu 3, u biex jikkontribwixxi għall-prevenzjoni ta' tali ksur, inkluż ksur tal-liġi internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tal-liġi umanitarja internazzjonali mill-unitajiet tal-Forzi Armati tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo appoġġati fil-qafas tal-miżura ta' assistenza.

2. Il-kontroll ta' wara t-trasportazzjoni tat-tagħmir u l-provvisti għandu jiġi organizzat kif ġej:

(a) verifika tal-konsenja, fejn iċ-ċertifikati tal-konsenja tal-EPF għandhom jiġu ffirmati mill-forzi tal-utent aħħari mat-trasferiment tas-sjieda;

(b) rappurtar dwar l-inventarju, fejn il-benefiċjarju għandu jirrapporta kull sena dwar l-inventarju tal-oġġetti dežinjati sakemm tali rappurtar ma jibqax jitqies neċessarju mill-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS);

(c) żjarat fuq il-post, fejn il-benefiċjarju għandu jagħti lir-Rappreżentant Għoli u lill-awdituri tal-EPF aċċess biex iwettqu kontrolli fuq il-post u awditi tal-EPF, meta mitlub.

3. Mat-tlestija tal-miżura ta' assistenza, ir-Rappreżentant Għoli għandu jwettaq evalwazzjoni finali biex jivvaluta jekk il-miżura ta' assistenza kkontribwietx biex jintlaħqu l-objettivi stipulati fl-Artikolu 1(2).

Artikolu 6

Rappurtar

Matul il-perjodu ta' implimentazzjoni, kull sitt xhur ir-Rappreżentant Għoli għandu jipprovdi lill-KPS rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza, f'konformità mal-Artikolu 63 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509. L-amministratur għall-miżuri ta' assistenza għandu jinforma b'mod regolari lill-Kumitat tal-Faċilità stabbilit bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/509 dwar l-implimentazzjoni tad-dħul u tan-nefqa f'konformità mal-Artikolu 38 ta' dik id-Deċiżjoni, inkluż billi jipprovdi informazzjoni dwar il-forniturі u s-sottokuntratturi involuti.

Artikolu 7

Sospensjoni u terminazzjoni

1. Il-KPS jista' jiddeċiedi li jissospendi kompletament jew parzjalment l-implimentazzjoni tal-miżura ta' assistenza f'konformità mal-Artikolu 64 tad-Deċiżjoni (PESK) 2021/509.

2. Il-KPS jista' jirrakkomanda li l-Kunsill itemm il-miżura ta' assistenza.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Novembru 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

L. LØKKE RASMUSSEN